MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 58/2003

**Il-Pulizija**

**v.**
**Moira Dietzsch**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta' citazzjoni datata 9 ta' Ottubru, 2001, kontra Moira Dietzsch talli (**1**) fil-Gudja, fi Triq Santa Marija fit-2 ta' Awissu, 2001 ghall-habta tal-11.30 pm kif ukoll fil-granet ta' wara ripetutament uzat kefrija fuq annimali (qtates) billi xehtet velenu / sustanza fatali ta' kulur ahmar fl-ikel ghal dawn l-annimali; (**2**) talli fit-22 ta' Settembru, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 pm insulentat u heddedt lil Natalina Meilak Brunelli[1] bil-kliem "mahmuga"; kif ukoll (**3**) talli fix-xhur immedjatament precedenti c-citazzjoni fi Triq Santa Marija, Gudja hdejn ir-residenza numru 9, ghamlet l-art tizloq u mdelka b'ikel tal-qtates; (**4**) kif ukoll fl-isess

[1] Indikata wkoll fil-verbal tal-11 ta' Frar, 2002 bhala Natalina Meilak Brunetti.

cirkostanzi xehtet hmieg jew porkerija fil-bibien jew taht il-bibien ta’ haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Marzu, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Moira Dietzsch mhux hatja skond it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u ghalhekk minnhom illiberatha, izda sabitha hatja skond l-ewwel imputazzjoni u illiberatha taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Moira Dietzsch, minnha pprezentat fis-7 ta’ April, 2003 li permezz tieghu talbet ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Lulju, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, peress li ta’ din l-imputazzjoni biss giet misjuba hatja l-appellanti. Skond il-prosekuzzjoni – li f’dan il-kaz tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva wara kwerela ta’ Natalina Meilak Brunetti – l-appellanti kienet qed tivvelena il-qtates li kienu jingabru fi Triq Santa Marija (u fi triq adjacenti) fil-Gudja u li kienet titma l-istess Meilak Brunetti.

Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-mod fqir kif tmexxiet il-prosekuzzjoni f’dan il-kaz. L-aktar prova elementari u bazika li, f’kaz simili, kellha tressaq il-prosekuzzjoni kienet li l-kontenut tal-*container* elevat mix-xhud (u investigatur privat) Joe Zahra, u li huwa jighid li tqieghed fit-triq mill-appellanti sabiex minnu jieklu l-qtates, kien fil-fatt velenu. Ghal xi raguni inspjegabbli il-prosekuzzjoni qatt ma talbet in-nomina ta’ perit ossia espert biex jezamina dana l-kontenut. Ir-rapport ta’ Christopher Farrugia (Dok. JZ)[2] ezibit mix-xhud Zahra ma hux prova ammissibbli peress li dana Farrugia qatt ma kien nominat mill-qorti biex janalizza l-kontenut tal-*container*, u l-istess Farrugia anqas xehed. Ghalhekk

[2] Dana r-rapport, ghalkemm jissemma kemm fil-verbal tal-udjenza tal-11 ta’ Frar, 2002 kif ukoll fis-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti rrikapitolat is-sustanza tax-xiehda ta’ kull xhud, ma jinsabx inserit fl-atti.

tonqos il-prova skond il-ligi li l-imsemmi *container* fih velenu (jew ikel imhallat bil-velenu). Minbarra hekk, anqas hemm xi prova li xi qattus fil-fatt miet kawza ta’ xi velenu – ix-xhud Meilak Brunetti tghid biss li darba sabet qattus mejjet, liema qattus ma kienx jidher li kien gie mtajjar jew mghaffeg minn vettura. Din, pero`, mhix prova konkluzziva ta’ avvelenament. Ghalhekk anke jekk wiehed kellu jassumi, ghall-grazzja ta’ l-argument, li verament l-appellanti poggiet il-*container* tal-plastik (ezibit fl-atti ta’ din il-kawza) fit-triq biex il-qtates jieklu minnu, ma jistax jinghad li hemm prova skond il-ligi li dan fih il-velenu, jew li hemm xi ness bejn l-istess kontenut u l-qattus li kienet sabet mejjet ix-xhud u kwerelanti Meilak Brunetti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn toqghod tidhol fil-kwistjoni ta’ jekk il-video ezibit minn Zahra jurix verament lill-appellanti jew lil haddiehor ipoggi l-*container* tal-plastik in kwistjoni. Il-konkluzzjoni ta’ htija milhuqa mill-ewwel qorti ma kienitx sorretta minn provi migjuba skond il-ligi, u ghalhekk kienet konkluzzjoni legalment zbaljata.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond l-ewwel imputazzjoni u fejn illiberatha skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, u minflok tilliberaha minn din l-ewwel imputazzjoni u thassar l-ordni ta’ *conditional discharge*; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------